MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2766/2002

**Falzon Bathroom & Ceramics Limited**

**Vs**

**Delcarm Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ hames mija u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm550.58), prezz ta’ merkanzija mibjugha lis-socjeta konvenuta fuq ordni taghha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lil Jeffrey Scerri Worley in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm550.58), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------